MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1/2015

**Dr. William Cuschieri (K.I. nru 70582M)**

**vs**

**Maria Farrugia (K.I. nru 0141324M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk:

1. L-esponenti huwa, fost l-ohrajn, proprjetarju ta’ l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), accessibbli min-numru wiehed u tletin (31) gja’ numru sbatax (17), Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta;

2. L-intimata tikri l-imsemmi fond minghand l-esponenti ghal skopijiet residenzjali u ta’ abitazzjoni;

3. L-intimata ilha ma tuza l-imsemmi fond ghal skopijiet residenzjali u ta’ abitazzjoni ghal perjodu ta’ aktar minn tnax-il xahar u b’mod partikolari mis-sena 2011, matul liema sena hija harget mill-imsemmi fond u ma irritornat qatt aktar hemmhekk;

4. Minhabba n-nuqqas ta’ uzu kif fuq spjegat, l-intimata qeghda taghmel uzu hazin tal-fond mikri lilha fis-sens ta’ l-artikolu 1555A (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u inoltre l-istess nuqqas ta’ uzu jammonta ghal bdil tad-destinazzjoni ta’ l-istess fond;

5. Minkejja illi l-esponenti gab dan kollu a formali konjizzjoni ta’ l-intimata u talabha lura l-pussess tal-fond lilha mikri permezz ta’ ittra ufficjali ta’ nhar it-13 ta’ Settembru, 2012, hija mhux biss baqghet inadempjenti izda wiegbet permezz ta’ ittra ufficjali ta’ nhar id-19 ta’ Settembru, 2012, li biha irrespingiet it-talba ta’ l-esponenti. Minkejja dak kollu li qalet fl-ittra ufficjali taghha, l-intimata baqghet qatt ma rritornat fil-fond hawn fuq imsemmi;

6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. L-esponenti jaf dawn il-fatti personalment u safejn jaf huwa, l-intimata ma ghandhiex difiza x'taghti kontra t-talbiet tieghu;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, tghid l-intimata ghaliex m'ghandux dana l-Onorabbli Bord jilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qieghda hawn jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu;

1. Jiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara x-xoljiment tal-kuntratt ta' kera minhabba r-ragunijiet premessi u kontemplati mill-ligi, jawtorizza lill-esponenti jiehu lura l-pussess tal-fond hawn fuq imsemmi u konsegwentement jordna l-izgumbrament ta' l-intimata mill-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), accessibli min-numru wiehed u tletin (31) gja' numru sbatax (17), Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta u dana entru terminu qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss minn dana l-Onorabbli Bord u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' nhar it-13 ta' Settembru, 2012 bin-numru 2855/2012, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti kontra l-intimata inkluza kull azzjoni ghall-kirjiet, danni u imghaxijiet skond il-ligi.

Ra n-nota kongunta tal-partijiet li permezz taghha l-intimata ammettiet t-talbiet attrici, ftehmu illi l-intimata tinghata sat-23 ta' Marzu 2015 sabiex tizgombra mill-fond u li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Ghalhekk, il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgombru qed jipprefigi zmien sat-23 ta’ Marzu 2015;

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------